# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 5 t'April 2022**

Appell numru 212/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**David PACE**

Il-Qorti rat is-segwenti :

**A. L-IMPUTAZZJONIJIET**

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-1 ta' Lulju 2021 fil-konfront ta' David PACE (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru: 475573M) li in suċċint ġie mixli talli nhat it-18 ta' Frar 2020 għall-ħabta ta' 1700 u/jew fi żminijiet ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer Maltin, b'diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u li jkunu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:
   a. Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Josephine Farrugia Mifsud;
   b. Ikkaġuna lil Josephine Farrugia Mifsud biża li ser tintuża vjolenza kontra tagħha jew kontra l-proprjeta tagħha jew kontra l-persuna jew proprejta ta' axxendenti jew dixxendenti tagħha;

c. Inġurja jew hedded lil Josephine Farrugia Mifsud;
d. Naqas milli josserva jew kiser xi kondizzjoni imposta fuq permezz ta’ ordni ta’ protezzjoni liema ordni inħarġet mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta);
e. Intalbet ukoll il-ħruġ t’ordni fis-sensi tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, sabet lil-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu għall-piena ta’ tnax il-xahar priġunerija sospiżi għal sentejn filwaqt li poġġietu taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal żmien sena taħt penali ta’ ħames mitt euro (€500).

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi David PACE appella minn din is-sentenza fejn allura talab lil din il-Qorti biex tħassar is-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull ħtija u piena u dan wara li (fil-qosor) saħaq illi:

   a. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx issibu ħati kemm tar-reat kontinwat kif ukoll tar-reati tal-fastidju kif ukoll tal-biża li tintuża vjolenza kontra persuna in kwantu l-element tal-*course of conduct* kien wieħed mill-elementi essenzjali ta’ dawn iż-żewġt reati;
   b. Dan kien każ orkestrat mill-parte civile u x-xiehda Anthony u Vincenza konjuġi Borg kontra tal-appellant. Kien każ li huwa msejjes fuq kunflitti fil-provi li tresqu fejn l-anqas ix-xiehda tal-prosekuzzjoni ma qablu bejniethom f’diversi partijiet tax-xiehda tagħhom;
   c. Għalkemm il-parte civile tixhed li hija kienet ġiet mhedda u inġurjata diversi drabi mill-appellant sa mill-15 ta’ Frar 2019, hija naqset milli tipproduċi evidenza tat-telefonati, messaġġi fuq Facebook jew messaġġi bl-sms li qalet li kienet tirċievi mingħand l-appellant;
   d. Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) straħet biss fuq il-premessa li l-verżjoni tal-appellant ma kienetx waħda kredibbli;

e. Apparti dan ladarba l-parte civile kienet qed tallega li l-kliem ta' theddid saret tafu mingħand Anthony Borg nhar id-19 ta' Frar 2020, l-akkuża ta' theddid taqa' barra mill-parametri tal-imputazzjoni.

f. Inoltre, mill-assjem tal-provi u minn dak dikjarat fil-kwerela, il-parte civile kienet saret taf bl-allegat avviċinament fid-19 ta' Frar 2020 u għalhekk kien hemm biss okkażjoni waħda fejn kien hemm allegat avviċinament li ma kienx wieħed dirett fuqha u l-anqas intiż sabiex tkun avviċinata.

## D. IL-PARTI ĠENERALI

4. Illi din il-Qorti hija Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati u ma tbiddilx l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati meta dik il-Qorti tkun legalment u raġonevolment korretta fl-apprezzament li hija kienet għamlet. Fis-sentenza **Ir-Repubblika ta' Malta vs Emanuel ZAMMIT** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] intqal:

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez** u r-**Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan** et, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il-verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

5. Anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, u ma terġax tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le teħodha l-Qorti tal-Maġistrati, li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali kollha u tasal għall-konklużjonijiet tagħha.[2]

6. Din il-Qorti, b'hekk tirrevedi s-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Biex tagħmel dan ix-xogħol ta' reviżjoni din il-Qorti, tkun trid tifli l-provi u l-argumenti miġjuba quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi.

7. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli tal-evidenza fi proċedimenti penali. L-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali jgħid li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża:

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

8. Imbagħad l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fil-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sal-grad ta' prova rikjest fi proċedimenti kriminali, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut; u dan peress li f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodiċi Kriminali jgħid li xhud wieħed waħdu, jekk emnut, huwa suffiċjenti sabiex fuq ix-xiehda tiegħu il-Qorti tkun tista' ssib ħtija. Dan il-prinċipju ġie kkonfermat f'diversi każijiet li dawn il-Qrati kellhom quddiemhom fil-passat.[3] Jiġifieri huwa legalment korrett u permissibbli Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tasal li ssib ħtija f'persuna akkużata fuq ix-xiehda ta' xhud wieħed biss.

9. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne:**[4]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

10. F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-verita storika; u dan peress li l-evidenza li tinġieb quddiemhom - kemm dik diretta, kif ukoll dik indiretta - mhux dejjem neċessarjament twassal għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċjoe l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta.

---

[3] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bonavia** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; **Il-Pulizija vs Antoine Cutajar** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll **Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

[4] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

11. L-evidenza indiretta hi dik li prinċipalment tistrieħ fuq iċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Għalkemm iċ-ċirkostanzi ma jitkelmux bħax-xhieda, u b'hekk ma jistgħux jigdbu, mill-banda l-oħra jistgħu jkunu qarrieqa. Dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-prinċipju li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun univoka, jiġifieri li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni u konklużjoni waħda u xejn ħliefha. Altrimenti, jekk iċ-ċirkostanzi jagħtu lok għal aktar minn konklużjoni waħda, il-Qorti ma tkunx tista' tistrieħ fuqhom biss biex tkun tista' ssib ħtija. Jekk ikun hemm dubju dettat mir-raġuni, il-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-imputat jew akkużat.

12. Mill-banda l-oħra biex persuna tiġi misjuba ħatja, il-Liġi kriminali **ma teħtieġx** li din tkun stabbilita b'ċertezza assoluta. Il-Liġi tal-proċedura Maltija hija imnisla mis-sistema Ingliż fejn huwa meħtieġ li biex Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun tista' ssib ħtija f'akkużat, il-Prosekuzzjoni tkun trid irnexxielha tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni in bażi għall-provi imresqa minnha. Jekk id-Difiża tipprova l-punt tagħha fuq bażi ta' probabbilita, jew tislet argument, inkluż mill-provi tal-Prosekuzzjoni stess, u jirnexxielha ddaħħal dubju dettat mir-raġuni, allura l-Qorti ma tkunx tista' ssib ħtija fl-akkużat.

13. Il-Qorti tkun tista' tasal għal din il-konklużjoni biss wara li tkun għarblet il-provi ammissibbli kollha li jkunu tressqu quddiemha, jiġifieri kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta. Fl-aħħar mill-aħħar dik il-Qorti trid tkun żgura moralment, sure fis-sistema Legali Ingliż,[5] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Dan huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ biex tinstab ħtija; livell li huwa anqas miċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet.

14. Fil-każ Ingliż **Majid**,[6] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

[5] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

[6] ibid.

15. Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[7] jgħidu s-segwenti:

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

16. Meta jiġi biex ifisser dan il-grad ta' prova fi proċedimenti kriminali, l-Imħallef William Harding kien xi drabi jirreferi għal dal-kunċett bħala l-prinċipju **tas-sikurezza**. Hekk per eżempju fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Peralta** deċiża mill-Qorti Kriminali nhar il-25 t'April 1957 dik il-Qorti kienet qalet li f'dak il-każ, in bażi għall-provi miġjuba quddiemha hija setgħet tasal **b'sikurezza** għall-konklużjoni fir-rigward tal-istat tal-imputat, liema stat fattwali kellu jiġi pruvat in bażi għal suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. B'hekk dik il-Qorti ġja fl-1957 kienet irrikonoxxiet l-ekwivalenza bejn l-istat mentali ta' sikurezza mas-suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, kif ukoll illum rifless fil-ġurisprudenza l-aktar reċenti fl-Ingilterra u Wales.

17. U huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

18. Meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-best evidence rule, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

[7] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[8]

19. Illi f'dan il-każ, huwa importanti wkoll li din il-Qorti tirreferi għar-regola tal-**hearsay** u kif din tiġi applikata fil-kamp penali Malti. L-artikoli 598 u 599 tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) li jirregolaw il-**hearsay evidence**, u reżi applikabbli fi proċedimenti quddiem Qrati ta' Ġustizzja Kriminali bis-saħħa tal-artikoli 520(1)(d) u 645 tal-Kodiċi Kriminali jgħidu kif ġej:

**598.** (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk ilfatti.

(2) Il-qorti tista', ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xiehda bhal dawk.

(3) Iżda l-qorti tista' ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk ilmistoqsijiet.

**599.** Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt,

[8] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.

ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta'immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta'reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd.

20. Fil-kawża deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Janis Caruana** tal-14 ta' Mejju 2012 mill-Imħallef Lawrence Quintano il-kwistjoni tal-**hearsay evidence** kienet ġiet indirizzata b'dan il-mod:

21. Bir-rispett kollu, il-hearsay rule tagħna (fl-artikolu 599) mhix daqshekk riġida daqs kemm wieħed jaħseb. Fil-fatt l-ewwel parti ta' dan l-artikolu jgħid hekk:
'599. Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra,'

22. Fil-fatt fil-kawża 'Joseph Mary Vella et versus il-Kummissarju tal-Pulizija' il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-13 ta' Jannar 1988 qalet hekk:
'Issa, fil-każ preżenti, si tratta ta' depożizzjoni ta' xhud dwar x'qallu ħaddieħor li ma jistax jiġi prodott minħabba li x-xhud ġie marbut bis-sigriet professjonali fuq l-identita' ta'dan il-ħaddieħor. Ċertament il-klem ta' dan il-ħaddieħor jistgħu, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, ikollhom importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawża. Għalhekk il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala għandha tiddipartixxi millkonlużjoni tal-ewwel qorti ( li tħalli lil dan ix-xhud jiddeponi).'

23.Ukoll fl-Ingilterra u f'Wales ir-regola tal-hearsay m'għadhiex stretta daqsa qabel. Il-Qorti Ewropea Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem fil-każ ' Al-Khawaja and Tahery versus the United Kingdom' tal-15 ta' Diċembru 2011 (deċiżjoni tal-Grand Chamber) qalet hekk f'pargrafu 130:

'However, the Court notes that the present cases have arisen precisely because the legal system in England and Wales has abandoned the strict common law rule against hearsay evidence. Exceptions to the rules have been created, notably in the 1988 and 2003 Acts, which allowed for admission of ST's statement in Al-Khawaja's case and T's statement in Tahery's case.'

24. Fil-każ ta' Al-Khawaja, ST kienet għamlet rapport lill-Pulizija numru ta' xhur sewwa wara li kienet allegatament assaltata minn tabib. ST għamlet suwiċidju qabel il-ġuri. L-Imħallef li ppresieda ħalla li jinqara r-rapport waqt il-ġuri u ta direzzjonijiet appożiti. (Ara paragrafi 9 -19 tal-istess sentenza). Il-Grand Chamber ma sabitx vjolazzjoni talartikolu 6 (ara par.158 tas-sentenza).

25. Issa, jekk wieħed janalizza s-sitwazzjoni fil-każ li jinsab fil-preżent quddiem il-Qorti, ir-rapport bl-ebda mod ma jgħid li min għamel ir-rapport

dwar is-serqa indika lill-appellant. Kieku kien hekk ir-rapport kien ikun prova li sar it-tali kliem iżda mhux prova li l-appellant wettaq is-serqa għalkemm l-istess rapport kien ikun jista' jintuża biex jikkorobora provi oħra. (Ara: Subramianiam v Public Prosecutor (1956) 1.W.L.R.956 at 969, PC).2 Fir-rapport odjern m'hemmx xi allegazzjoni bħalma ma għamlet ST fil-każ 'Al-khawaja vs UK' jew xi sitwazzjoni simili għal dak li aċċettat il-Qorti Kostituzzjonali. Hawn għandna biss rapport li saret is-serqa, ta' xhiex, fejn u meta. Min għamel ir-rapport mhux Malti, ma semma lil ebda persuna bħala suspettat, u ma jistax joqgħod jinġieb Malta biex jikkonferma li saret serqa ta' laptop. Terġa' min għamel irrapport ma joqgħodx f'xi pajjiż fil-viċin.

26. Għalhekk il-Qorti, wara li rat iċ-ċirkostanzi tal-każ, u wara li rat l-artikolu 599 tal-Kap 12 res applikabbli għall-Kap 9, qed tiddeċiedi li fil-proċess teżisti prova li hija ammissibbli. Ir-rapport huwa prova li saret is-serqa u ta' xejn aktar.

21. Oltre minn hekk fis-sentenza tal-Qorti Kriminali deċiża nhar l-24 t'Ottubru 2011 fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi** ġie deċiż is-segwenti:

Li l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9.

Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b'approvazzjoni dwar il-hearsay rule f'kawżi ta' natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem:
'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'

Jekk wieħed jimxi mal-prinċipji ta' dan il-każ allura ċerti persuni li magħhom ikun tkellem l-allegat vittma jistgħu jkunu prodotti (per eżempju, psikologu, għalliem jew social worker, il-ġenituri jew qraba fil-qrib tal-allegat vittma). Dawn jistgħu jixhdu li l-allegat vittma tassew qal hekk. Tali xhieda hija biss prova li l-allegat vittma tassew qal hekk, iżda mhux li dak li qed jgħid l-allegat vittma huwa tassew minnu. Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U filfatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il- każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu biex il-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. Peress li d-

depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi esklusa flistadju tal-eċċezzjonijiet preliminari.

F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubbblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:'

Fil-limit tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri).

22. Apparti dan fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Angelus Vella**, deċiża nhar it-30 ta' Lulju 2015, ir-regola dwar il-**hearsay evidence** ġiet spjegata b'dan il-mod kwantu sempliċi daqskemm ċar:

Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra.

23. Illi l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi tal-provi primarjament f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax, normalment, tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija tkun setgħet tara u tisma' lix-xiehda jixhdu quddiemha - ħaġa li din il-Qorti ma kellhiex l-opportunita li tagħmel. U għalhekk huwa għaqli li l-Liġi tħalli prinċipalment dan l-eżerċizzju ta' analiżi u apprezzament tax-xiehda tax-xhieda f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati; liema eżerċizzju huwa importanzi ħafna u li din il-Qorti ttih il-piż li jixraqlu, in kwantu ma jistax jiġi disturbat kif ġieb u laħaq.

24. Anke fejn il-Qorti tal-Maġistrati, għal xi raġuni jew oħra, ma tkunx semgħet ix-xhieda kollha hi stess, xorta waħda l-Liġi tafda l-eżerċizzju tal-analiżi u deċiżjoni dwar il-fatti f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati. Il-Qorti tal-appell xorta tibqa' Qorti tat-tieni grad, biex, fil-

każijiet appellati tara jekk u safejn il-Qorti tal-Maġistrati setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet milħuqa minnha in bażi għall-dawk il-provi u l-argumenti legali miġjuba quddiemha. Biss, kif intqal, din il-Qorti ma taqbadx u tibdel id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kif ġieb u laħaq, u dan għar-raġuni miġjuba fil-kawża **Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti:

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination".

25. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx "unsafe and unsatisfactory" fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx "unsafe and unsatisfactory". Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet legittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati.

## E. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

### Ikkunsidrat

26. Illi din il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li dan il-każ jippreżenta diversi nuqqasijiet proċedurali, uħud minimi, oħrajn maġġuri, li bi ftit iżjed attenzjoni setgħu ġew faċilment evitati mill-partijiet involuti

f'dan il-każ. Uħud minnhom, fil-prinċipju, jagħtu raġun lil xi argumenti tal-appellant. L-aggravji f'dan l-appell sejrin jiġu diskussi flimkien peress li huma magħqudin ma xulxin.

27. Qabel xejn il-partikolarita taż-żmien li fih seħħew l-allegati reati imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Il-Liġi trid li ċ-ċitazzjoni ssemmi ċar il-persuna mħarrka, u għandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuża, bil-partikolaritajiet ta' żmien u ta' lok li jkunu jinħtieġu jew li jkunu jistgħu jingħataw. Din il-Qorti diversi drabi saħqet li ċ-ċitazzjoni, f'każijiet sommarji, hija forma ta' avviż lill-imħarrek biex jidher quddiem il-Qorti sabiex iwieġeb għal għemil li l-Prosekuzzjoni tkun qed takkużah bih bħala li jkun jikser il-Liġi kriminali.

28. Filwaqt li l-ġurisprudenzja tradizzjonalment tipprospetta li ċ-ċitazzjoni hija sempliċi sejħa għal dehra quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, bil-konsegwenti proċeduri proprji jkunu bażati fuq il-kwerela jew denunzja li jiġu esposti *viva voce* quddiem il-Qorti, il-posizzjoni aktar reċenti tikkonsidra liċ-ċitazzjoni bħala dokument bażiku għall-imputazzjoni ta' reati kriminali li, għalkemm trid tiġi moqrija fil-Qorti, xorta waħda fin-natura tagħha tfassal l-imputazzjoni li tista' twassal għall-evenwali kundanna li magħha tinġarr sanzjoni penali. In kwantu tali, dan id-dokument kellu jkun miktub b'mod korrett u dan id-dmir jinkombi fuq il-Prosekuzzjoni, li għandha wkoll id-dmir tara li l-provi miġjuba minnha jkunu jaqblu ma dak imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Fil-każ li jkun hemm diskrepanza bejn iċ-ċitazzjoni u l-provi prodotti kien jispetta lill-Prosekuzzjoni li, fi stadju opportun, titlob korrezzjoni taċ-ċitazzjoni u tkompli għaddejja bil-provi tagħha fil-każ.

29. F'dan il-każ, l-appellant ġie mixli li huwa wettaq ir-reati kriminali imsemmija fiċ-ċitazzjoni fit-"18 ta Frar 2020 ghall-habta ta 17:00hrs u/jew fi zminijiet differenti". Fuq livell ta' forma, din il-Qorti ma għandha xejn xi tgħid dwar id-diżenjazzjoni tad-data bħala "18 ta Frar 2020 ghall-habta ta 17:00hrs" peress li, formalment, din kienet indikazzjoni ta' data u ħin (anke jekk il-ħin huwa approssimattiv), li jissodisfaw il-livell minimu ta' ċertezza li kull imputazzjoni kriminali teħtieġ.

30. Iżda mhux l-istess jista' jingħad għall-frażi "u/jew fi zminijiet differenti". Din hija frażi li minn natura tagħha ma għandhiex tifsira ċara u speċifika li biha l-imputat jista' jifhem sewwasew għal meta l-imputazzjoni qegħda tirreferi. Filwaqt li d-data u l-ħin jagħtu ċertu

element ta' ċertezza mill-banda l-oħra "żminijiet differenti" tfisser ħafna u ma tfisser xejn fl-istess waqt.

31. Dan jingħad in bażi għall-fatt li kif intqal iżjed il-fuq, fi proċeduri sommarji, iċ-ċitazzjoni tradizzjonalment hija meqjusa bħala avviż lill-imputat biex jidher għas-seduta u jwieġeb għall-imputazzjonijiet li jkunu qed isirulu u jkollu wkoll id-dritt li jiddefendi ruħu fuq l-istess imputazzjonijiet. Fil-każ fejn ikun hemm xi varjazzjonijiet jew korrezzjonijiet tal-imputazzjoni, jista' anke jingħata differiment biex ikun jista' jirregola ruħu u d-difiża tiegħu. Fi kwalunkwe każ din il-Qorti tisħaq li l-Prosekuzzjoni għandha akkost ta' kollox tevita li tuża din il-formula partikolari meta tiġi biex tixli lil persuna b'reat kriminali. Il-Prosekuzzjoni għandha tkun iżjed speċifika f'dan ir-rigward biex tiggarantixxi kemm jista' jkun iċ-ċertezza fl-imputazzjoni u mhux hi stess toħloq element ta' dubju minn qabel ma tkun bdiet tipprosekwixxi każ fuq wieħed mill-partikolaritajiet kardinali ta' imputazzjoni : iż-żmien li fih ikun twettaq ir-reat!

32. Jibqa' l-fatt li f'dan il-każ l-ilment tal-appellant qiegħed mhux daqstant fuq l-użu tal-frażi "u żminijiet differenti" daqskemm fuq id-data tat-18 ta' Frar 2020 innifisha. Wieħed mill-aggravji tal-appellant jistrieh fuq il-fatt li ladarba l-parte civile kienet qed tallega li l-kliem ta' theddid saret tafu mingħand Anthony Borg nhar id-19 ta' Frar 2020, l-akkuża ta' theddid taqa' barra mill-parametri tal-imputazzjoni. Inoltre, mill-assjem tal-provi u minn dak dikjarat fil-kwerela, il-parte civile kienet saret taf bl-allegat avviċinament fid-19 ta' Frar 2020. Dan il-jum li fih kien hemm l-għarfien tagħha dwar l-allegata theddida ma kienx jaqa' fil-parametri taż-żmien li ġew imsemmija fiċ-ċitazzjoni. Dan allura jkun ifisser li l-appellant ikun ġie mħarrek ħażin peress li jekk il-parte civile saret taf bit-theddida fid-19 ta' Frar 2020, allura ma jistax jingħad li r-reat tat-theddid imsemmi seħħ fiż-żmien imsemmi fiċ-ċitazzjoni. Apparti minn hekk jiġi li wieħed mill-episodji tar-reat ta' fastidju u meta wieħed jibża li se tintuża vjolenza fuqu li ġew kwerelati wkoll sar fi żmien li ma ġiex milqut biż-żmien imsemmi fiċ-ċitazzjoni.

33. L-impostazzjoni ta' dawn l-aggravji teħtieġ analiżi kemm tar-reati imputati kif ukoll tal-provi li nġiebu u li fuqhom il-Prosekuzzjoni insistiet fuq il-ħtija tal-appellant; kif ukoll kif dawn jistgħu jitqiesu marbuta mal-parametri ta' żmien imsemmija mill-Prosekuzzjoni fiċ-ċitazzjoni tagħha.

34. Huwa paċifiku li kemm ir-reat ta' fastidju kif ukoll dak ta' meta oħrajn jibżgħu li se tintuża vjolenza kontrihom jeħtieġu, bħala wieħed mill-elementi kostitutivi tagħhom kodiċi ta' mġieba li titwettaq fuq perjodu ta' żmien u tkun tikkonsisti f'iżjed minn episodju ta' mġieba waħdieni. Fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Denise Falzon**[9] ġie ritenut is-segwenti:

> Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi issanzjonata dik l-imgieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali.

Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:

> 'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable
>
> Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon.[10]"

Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ghandu johrog illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi johloq fastidju lil vittma tieghu bl-imgieba tieghu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imgieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa. Illi allura hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imgieba li qed tohloq fastidju u dik li tohloq semplicement inkonvenjent. Tant hu hekk illi:

> L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. .... Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib

[9] Deċiża mill-Imħallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Novembru 2018.

[10] Ara l-appell kriminali **Il-Pulizija vs Carmelo Vella** deċiż nhar l-14 ta' Mejju 2012.

> ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)( c ) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.[11]

Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn:

> '...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-
>
> "Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",
>
> ...dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-
>
> "…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."

Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.

Illi f'kaz konsimili din il-Qorti kif diversament ippresjeduta sahhqet:

> "L-azzjoni tal-appellant, tista' tkun ezaminata mill-ottika tal-inkonvenjent izda certament mhix minn dik tal-fastidju li f'dan il-kaz kienet tirrikjedi prova ta' zamma ta' annimali f'tali stat li b'intenzjoni kriminuza ried johloq sitwazzjoni ta' fastidju bl-iskop li jivvessa specifikatament lill-girien u anke bi skop."
>
> Fil-kaz hawn skrutinat jemergi illi l-azzjoni tal-appellant fiz-zamma tal-annimali tieghu qed tohloq inkonvenjent ghal diversi girien u kien jispetta lil dawk il-persuni, allura l-kwerelanti, jghidu ghaliex jahsbu li l-appellant qieghed bl-azzjoni tieghu, johloq dan il-fastidju.[12]"

35. Mill-banda l-oħra, dwar dan l-istess element tal-*course of conduct* marbut mar-reat ta' meta oħrajn jibżgħu li se tintuża vjolenza kontrihom, din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ **Il-Pulizija vs. Raymond Coleiro,**[13] qalet hekk:

Biex ikun hemm htija taht l-artikolu 251B irid ikun hemm a course of conduct kif juri l-kliem "lil xi haddiehor hekk jibza' kull darba minn dawk l-

[11] Ara l-appell kriminali **Il-Pulizija vs Massimo Tivisini.**
[12] Ara l-appell kriminali **Il-Pulizija vs Raymond Spiteri** tas-26 ta' Mejju 2016.
[13] Deċiża nhar l-24 ta' April 2009.

okkazjonijiet". Jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni waħda fl-istess jum u ghalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta wahda[14].

'Dan kollu – u cioe` dawn l-affarijiet kollha li sehhew fil-kuntest ta' incident wiehed – ma jistghu qatt jammontaw ghar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat gie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk:

"A person whose course of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B taghna – u hawn il-Qorti ser tuza ttest Ingliz proprju biex wiehed ikun jista' jara x-xebh u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fissubartikolu (1) tieghu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions…" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax isehh f'okkazjoni wahda izda jrid ikun hemm ghall-anqas zewg okkazjonijiet – proprju kif jinghad fil-matrici Ingliza, "on at least two occasions". Ghal xi raguni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illogika – il-kliem "on at least two occasions thallew barra". Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008:

'How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…'

"Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet talArtikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata flimsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tigi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun giet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tigi punita taht disposizzjonijiet ohra tal-ligi. Ghalhekk l-appellant ser jigi liberat mill-imputazzjoni li tipotizza rreat kontemplat flArtikolu 251B(1) tal-Kap. 9.4

[14] Deċiża 7 ta' Marzu, 2012.

36. Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jeffrey Scicluna**[15] intqal is-segwenti:

> Biex ikun hemm ħtija taħt l-artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm a course of conduct kif juri l-kliem: 'lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet'. Jista' jkun hemm aktar minn okkażjoni waħda fl-istess jum u għalhekk ikun applikabbli l-artikolu 251B xorta waħda. Iżda kemm mill-imputazzjoni kif miġjuba kif ukoll mill-provi ma jirriżultax li kien hemm din a course of conduct fl-istess jum. Ix-xhud irreferiet għal x'ġara qabel iżda l-kliem tal-imputazzjoni jkopri jum wieħed biss. Barra dan ma jirriżultax li kien hemm xi kundanni oħra talappellant dwar theddid lil martu. Isegwi li l-appellant ma jistax jinsab ħati skont it-tieni imputazzjoni kif dedotta.

37. Allura li biex jissussiti r-reat in diżamina, is-suġġett attiv tar-reat irid ikun aġixxa b'mod tali li pprovoka sensazzjoni ta' biża' fis-suġġett passiv tar-reat f'iktar minn okkażjoni waħda u li tali okkażjonijiet jeħtieġ li jkunu qrib xulxin fiż-żmien. U sabiex il-Qorti tasal tifhem jekk kienx hemm **course of conduct**, kultant ikun jeħtieġilha wkoll tanalizza r-retroxena tal-każ sabiex tifhem kif, fid-dawl ta' dik ir-retroxxena li toħroġ mill-verżjoni tal-partijiet u minn xi provi oħra, anki inċident iżolat jistax jittieħed f'kuntest aktar wiegħsa minħabba sejre ta' ċirkostanzi li jsawru din ir-retroxena. Dan dejjem pero', irid ikun hekk rifless ukoll fil-perjodu ta' żmien indikat fiċ-ċitazzjoni b'mod tali li l-imputat ikun jaf il-partikolaritajiet taż-żmien li fih huwa jkun qiegħed jiġi akkużat li jkun wettaq tali reati u jkun għalhekk jista' jħejji sew id-difiża tiegħu. Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez**[16] il-Qorti tal-Appell Kriminali iddefiniet 'ir-retroxena' bil-mod segwenti:

> …. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien." Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.

38. B'hekk biex ikun jista' jingħad li seħħ ir-reat ta' fastidju jew meta oħrajn jibżgħu li se tintuża vjolenza kontrihom, jeħtieġ li l-Prosekuzzjoni tipprova, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, iżjed minn episodju wieħed ta' mġieba li tnissel fastidju jew biża

---

[15] Deċiża fil-21 ta' Frar 2012

[16] Deċiża 21 ta' Ġunju 2007

skont il-każ, u li jkunu mifruxa perjodu ta' żmien li pero dejjem irid ikun jaqa' fil-parametri taż-żmien imsemmi fiċ-ċitazzjoni.

39. Mill-banda l-oħra ir-reat ta' theddid jew inġurji li kien mixli bihom l-appellant fir-raba' imputazzjoni f'dan il-każ huwa r-reat kontravenzjonali taħt l-artikolu 339(1)(c) tal-Kodiċi Kriminali. Fl-appell kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Frendo**, deċiż fis-7 ta' Lulju 1995, intqal li:

> Fil-kuntest ta` l-artikolu 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali, theddida tfisser li l-agent jipprospetta lill-persuna ohra hsara ingusta fil-futur (liema hsara ma tkunx tammonta ghal reat iehor ikkontemplat band'ohra fil-Kodici), liema hsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta` ta` l-istess agent.

40. L-istess ġie mistqarr fl-appell kriminali **Il-Pulizija vs. Joseph Gauci**:

> Biex ikun hemm theddid is-suggett attiv irid ikun qed jipprospetta - bil-kliem, gesti jew b'mod iehor - xi forma ta' hsara ingusta fil-futur (anke jekk fil-futur immedjat) lis-suggett passiv. Huwa veru li ma hemmx ghalfejn li l-hsara prospettata tkun determinata fis-sens li jigi indikat b'xi grad ta' precizjoni l-interess, guridikament relevanti, tas-suggett passiv li jkun qed jigi minaccat; u f'dan is-sens huwa korrett Antolisei meta jghid: "e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` della persona a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro: 'ti faro` vedere di che cosa sono capace'" . Pero` dan it-turbament dejjem irid ikollu xi bazi oggettiva.[17]

41. A differenza tar-reati ta' fastidju jew meta oħrajn jibżgħu li se tintuża vjolenza kontrihom, azzjoni waħdanija li biha persuna thedded jew tinġurja lil persuna oħra tista' tikkostitwixxi reat. Biex ir-reat ta' theddid jew inġurja jiġi kommess, ma hemmx għalfejn li jkun hemm iżjed minn theddida jew inġurja waħda. Theddida jew inġurja waħda hija biżżejjed biex tikkostitwixxi r-reat. L-anqas hemm bżonn li theddida jew inġurja tkun magħmula direttament f'wiċċ is-suġġett passiv.

42. Mill-banda l-oħra, episodju waħdieni ta' fastidju jew ta' biża li se tintuża vjolenza (fis-sensi tal-artikolu 251B tal-Kodiċi Kriminali invokat f'dan il-każ) mhux biżżejjed biex jitqies li jkun sar dak ir-reat. Inoltre, serje ta' inġurji jew theddid magħmula f'iżjed minn okkażjoni waħda, f'wiċċ jew minn wara dahar is-suġġett passiv, waħedhom jew flimkien ma imġieba oħra speċifikata, jistgħu fl-istess waqt jikkostitwixxu wkoll kemm ir-reat ta' fastidju u/jew biża

[17] Deċiż minn din il-Qorti presjeduta mill-Prim'Imħallef Emeritu Vincent Degaetano fit-12 ta' Ġunju 2003.

li tintuża vjolenza skont il-każ. Dan peress li r-reati ta' fastidju u biża li tintuża vjolenza jistgħu jinkludu fihom imġieba li fiha nnifisha tkun tikser il-Liġi. Dik l-imġieba għalhekk tista' titqies li tkun plurioffensiva. Din l-imġieba pero trid dejjem tiġi meqjusa fl-isfond tal-parametri ta' żmien li jkunu ġew mogħtija fiċ-ċitazzjoni.

43. Dan peress li fattur ieħor importanti li jrid jitqies f'dan il-każ huwa l-mument konsumativ ta' dawn ir-reati rispettivi. Peress li r-reati ta' fastidju u biża li tintuża vjolenza jeħtieġu iżjed minn episodju wieħed, irid jiġi pruvat li jkunu ġew kommessi dawk l-episodji fastidjanti jew li jqajmu biża fil-vitma u li jseħħu fiż-żminijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni. Wieħed irid iħares fuq il-jum jew jiem li fihom il-vitma tkun saret taf jew intebħet b'dawk l-episodji. Dak li trid tikkastiga l-Liġi huwa s-sens ta' fastidju jew biża li jitqajjem fil-vitma, bil-mument kruċjali jkun meta din issir taf b'dawk l-azzjonijiet fastidjanti jew li jqajmulha l-biża ġewwa fiha. Il-Liġi tiffoka fuq l-effett tal-azzjoni fastidjanti jew li tqajjem il-biża fil-vitma. Dan ukoll huwa wkoll b'mod partikolari l-prinċipju li jirregola r-reat ta' theddid.

44. Dawn huma reati intiżi li jħarsu l-liberta morali u psikoloġika tal-vitma minn imġieba abbużiva tal-awtur tar-reat u li jġibu distub jew molestja fil-ħajja tal-vitma. Din l-imġieba allura ddejjaq jew tbeżża' lil vitma minħabba li l-imġieba tal-awtur tar-reat tista' tqanqal fiha dwejjaq, sekkatura jew biża' li tkun tista' ssofri xi ħsara inġustament minn id l-istess awtur tar-reat. Din il-ħsara tista' tkun ħsara fiżika jew morali, ħsara fi proprjeta daqskemm ħsara psikoloġika fuq il-vitma jew l-egħeżież tagħha u li tkun tinħass inġusta f'xi aspett tal-ħajja li l-vitma tqis li huwa importanti u rilevanti għaliha.

45. B'hekk anke fir-reat ta' fastidju jew biża li se tintuża vjolenza, il-Liġi teħtieġ li l-azzjoni jew azzjonijiet tal-awtur tar-reat li jnisslu fastidju jew biża ta' vjolenza, huwa meħtieġ li jiġi pruvat **il-mument fiż-żmien meta** l-vitma tkun saret taf b'dawk l-azzjonijiet li mbagħad inisslu s-sens ta' fastidju, biża jew offiża fiha skont il-każ.[18] Fil-każ tar-reat ta' inġurji jew theddid, ġaladarba episodju

[18] Per eżempju, Titius u Caius ma jitkelmux bejniethom. Titius, ripetutament, jgħid kliem offensiv fir-rigward ta' Caius ma Sempronius. Titius jistqarr ripetutament ma Sempronius li jekk jara lil Caius fit-triq, lest li jtih xebgħa tajba u joqtlu. Peress li Titius u Caius ma jitkelmux, sakemm Sempronius ma jmurx jgħid lil Caius il-kliem inġurjuż jew ta' theddid li jgħid kontrih Titius, Caius ma jkunx jaf b'dak li jgħid kontra tiegħu Titius; u b'hekk Caius la jista' jħossu fastidjat, la mbeżża' u wisq anqas offiż. Iżda, il-mument li Caius isir jaf b'dawn l-offiżi u theddid serju mistqarra minn Titius, huwa jibda' jħossu mhedded u offiż. Huwa minn dak il-mument li huwa jsir konxju ta' dak it-theddid jew inġurji li jista'

waħdieni huwa biżżejjed biex isawwar ir-reat, allura huwa meħtieġ li jiġi stabbilit b'sikurezza l-mument fiż-żmien meta l-vitma tkun saret taf bl-inġurja jew bit-theddida. Fil-każ tar-reat tal-fastidju jew biża ta' vjolenza huwa meħtieġ li jiġi stabbilit b'sikurezza l-mument fiż-żmien meta tkun saret taf b'dawk l-episodji li jikkostitwixxu l-*course of conduct*. Dan peress li jekk il-vitma ma kienetx taf bl-episodji fastidjanti, jew li setgħet tqajjem biża, ma kienx ikun possibbli għaliha li tħossha fastidjata, imbeżża' eċċetra.

46. Din hija wkoll il-posizzjoni legali taħt il-Kodiċi Penali fl-Italja fir-rigward tal-mument konsumattiv tal-minaċċja, meta jingħad li:

> L'evento tipico del reato in esame coincide con il suo momento consumativo, ed e' rappresentato dalla conoscenza della minaccia da parte del minacciato. Qualora, infatti, esso non fosse a conoscenza della minaccia indirizzatagli dall'agente, non sarebbe possibile la realizzazione dell'effetto intimidativo.[19]

47. Dawn il-konsiderazzjonijiet huma rilevanti għall-fini ta' dan il-każ peress li jippreżenta problemi mhux biss fir-rigward ta' kif l-appellant ġie mixli minħabba r-riferenza temporali imsemmija iżjed il-fuq; iżda wkoll minħabba problemi ta' nuqqas ta' kjarezza u preċiżjoni fid-dettalji fix-xiehda li ingħatat minn Anthony Borg u Vincenza Borg.

48. L-appellant jilmenta li f'dan il-każ ix-xhieda offrew xiehda li ma kienetx taqbel ma xulxin. In parti, dan huwa minnu. Meta wieħed jaqra x-xiehda bil-ġurament li taw Anthony Borg u Vincenza Borg quddiem il-Qorti u jqabbilhom ma' dak li ġie rapurtat lis-Surġent 1127 Malcolm Pace jirriżulta li l-konjuġi Borg ħallew barra aspetti kruċjali ta' dak li suppost seħħ f'dan il-każ u li suppost kellu effett fuq it-tip ta' sejbien ta' ħtija fl-appellant għar-reati li bihom ġie mixli.

49. Qabel xejn dak li jikkostitwixxi prova tajba u ammissibbli quddiem il-Qrati ta' Ġustizzja Kriminali jinkludi dak li xhud jixhed bil-ġurament quddiem il-Qorti jew bil-mezz ta' dikjarazzjoni bil-ġurament jew dikjarazzjoni oħra li jista' jkollha saħħa ta' prova ammissibbli skont il-Liġi. Dikjarazzjoni magħmula minn xhud lil

jingħad li jkun intlaħaq il-mument konsumattiv tar-reati ta' theddid u inġurji kommess minn Titius. Jekk imbagħad Sempronius jibqa' jisma' b'dawn il-kliem ta' theddid jew offiżi ripetuti iżjed minn darba u f'iżjed minn okkażjoni waħda minn ħalq Titius u jkompli jmur jirraporta lil Caius kull darba li jkun sar jaf bihom, minn hemmhekk imbagħad jista' jkun hemm lok ukoll li Caius iħossu mhux biss offiż jew mhedded, iżda wkoll fastidjat jekk mhux ukoll maħkum minn biża li Titius se juża vjolenza kontra tiegħu.

[19] <https://www.brocardi.it/codice-penale/libro-secondo/titolo-xii/capo-iii/sezione-iii/art612.html> aċċessat 15 ta' Marzu 2022.

Uffiċjal tal-Pulizija, mhux bil-ġurament, u li ma tkunx imtennija quddiem il-Qorti bil-ġurament, ma tistax tinġieb bi prova tal-fatt innifsu li jkun ġie mistqarr mal-Uffiċjal tal-Pulizija.

50. Meta xhud jixhed quddiem il-Qorti huwa mistenni li jgħid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn ħlief is-sewwa. Bħala regola, dak li xhud ma jgħidx quddiem il-Qorti bil-ġurament tiegħu, ma jistax jiġi supplimentat bi stqarrijiet oħra - mhux imwetqa bil-ġurament – għajr fejn il-Liġi tagħmel eċċezzjonijiet partikolari.[20] Apparti minn hekk jekk persuna tagħmel stqarrija ta' fatt ma xi persuna oħra u meta titla tixhed bil-ġurament quddiem il-Qorti dik l-istess persuna tixhed differenti minn dak mistqarr minnha qabel mhux bil-ġurament, huwa dak li jkun mistqarr minn dik il-persuna bil-ġurament quddiem il-Qorti li jikkostitwixxi prova u mhux id-dikjarazzjonijiet l-oħrajn magħmula qabel mingħajr il-ġurament.

51. Qed issir enfażi fuq dan il-punt peress li mill-NPS u x-xiehda tas-Surġent Pace u tal-parte civile, jirriżulta li l-konjuġi Borg kienu qalu fatti oħra u differenti minn dak li stqarrew bil-ġurament tagħhom meta xehdu fil-kawża. Ma jirriżultax li waqt li kienu qegħdin isirulhom il-mistoqsijiet in eżami jew in kontro-eżami dawn id-differenzi jew nuqqasijiet ġew indirizzati jew ikkoreġuti minn dawn ix-xhieda.

52. Parti kbira minn dak li xehdet il-parte civile dwar dak li allegatament kien stqarr l-appellant fil-konfront tagħha, kienet ġejja mill-informazzjoni li ingħatat lilha mill-konjuġi Borg. Parti żgħira oħra jirriżulta li l-parte civile semgħatha direttament minn ħalq l-appellant. Għalhekk ix-xiehda tal-konjuġi Borg u dak li huma kienu irrapurtaw lis-Surġent Pace irid jiġi wkoll mgħarbel max-xiehda tal-parte civile. F'dan il-kuntest jassumu importanza kbira r-regoli tal-*hearsay evidence* kif spjegati iżjed il-fuq.

53. Anthony Borg xehed li darba minnhom, waqt li kien sejjer id-dar tiegħu fejn il-Posta fiż-Żurrieq, sab "lil min isibu" (huwa qal eżattament hekk: "sibt lil min isibni" – mingħajr ma jiżvela immedjatament l-identita ta' din il-persuna) u staqsieh jekk lil Josephine ilux ma jaraha. Anthony Borg jgħid li dan ir-raġel - u li aktar tard implika li kien l-appellant - qallu : "dik għadha ma ħelsiethiex mingħandi, naqtagħlha l-brejkijiet". Wara dakinhar huwa qatt ma reġgħa ra lil dak ir-raġel iżjed. Meta ġie mistoqsi

[20] Bħad-dikjarazzjoni fuq il-punt tal-mewt ta' xhud skont l-artikolu 646(3) tal-Kodiċi Kriminali.

meta seħħ dan l-episodju, Anthony Borg qal, għal darba tnejn, li kien seħħ fit-18 ta' Frar "tas-sena l-oħra għandu jkun... tas-sena l-oħra". Huwa kien xehed fid-29 ta' Settembru **2020**. Dan ifisser li skont dan ix-xhud dan l-episodju kien seħħ fit-18 ta' Frar **2019.** Anthony Borg ma jgħidx li dakinhar li semgħa dan l-allegat theddid minn ħalq l-appellant kien hemm ukoll martu Vincenza tisma' kollox. Dan in-nuqqas jindika li huwa kien waħdu meta allegatament semgħa dak il-kliem.

54. Vincenza Borg xehdet fl-istess jum li fih xehed żewġha Anthony. Hi qalet li kienet taf lil parte civile fl-uffiċju legali tal-Avukat Joseph Sammut fiż-Żurrieq. Vincenza Borg tgħid li kienet assistiet għall-inċident li kien seħħ fit-18 ta' Frar **2020**. Tgħid li hija kienet marret tixtri ħobża mingħand Dave's Supermarket u kif kienet fit-triq għadda l-appellant, sejħilha, u stqasiha "rajtu l-baby ta' Josephine?". Vincenza Borg weġbitu "Le, u lili ddaħħalnix fil-kredu". Fix-xiehda tagħha Vincenza Borg ma tat ebda dettall ieħor.

55. Is-Surġent Malcolm Pace jixhed li kien reġgħa kiteb ir-rapport fuq is-sistema NPS tal-Pulizija. Huwa jgħid li fis-27 ta' Frar 2020 għall-ħabta tas-1430 kienu marru l-Għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq il-konjuġi Borg u dawn riedu li jagħmlu "rapport". Vincenza Borg qaltlu li fit-18 ta' Frar għall-ħabta tal-1700 kif kienet se tiftaħ il-bieb tad-dar tagħha fi Triq Santa Katerina, ż-Żurrieq, semgħet lil xi ħadd isejħilha b'isimha. Ħarset u rat raġel li qallha li kien jismu David Pace. Dan staqsiha jekk kienetx rat il-baby tal-parte civile u weġbitu li ma kienetx. Skont is-Surġent Pace, Vincenza Borg żiedet tgħidlu "u fil-pront wegibni u qalli li dik ghadha ma helsithiex minghandi". Vincenza Borg weġbitu biex lilha ma jdaħħalhiex fil-kredu. Hawnhekk irid jingħad li fix-xiehda bil-ġurament tagħha quddiem il-Qorti, Vincenza Borg ma qalitx li l-appellant qallha wkoll il-kliem "dik ghadha ma helsithiex minghandi". L-anqas ma tgħid li preżenti meta seħħ dan l-inċident kien hemm ukoll żewġha Anthony magħha jisma' dak li allegatament qal l-appellant. Minn dan donnu jirriżulta li hija kienet waħedha li allegatament semgħet lill-appellant jgħid dak id-diskors.

56. Is-Surġent Pace jixhed li Anthony Borg qallu li:

> Darba, fis-sajf tas-sena l-ohra David kien ghaddej minn fejn id-dar u x'hin rani sejjahli u staqsini jekk kontx ilni ma nara lil Dr. Josephine. Meta ghidtlu li ma tantx kont ilni li rajtha qalli li din ghadha ma helsitiex minghandi u li ha jaqtaghlha l-brejkijiet tal-karozza taghha.

57. Ir-rapport tas-Surġent Pace spiċċa jgħid li l-konjuġi Borg kienu qegħdin jibżgħu minħabba l-fatt li huma *close* mal-parte civile. Huma kienu qegħdin jibżgħu li l-appellant jagħmlilha xi ħaġa u jeħlu huma miegħu.

58. Kien hemmhekk li s-Surġent Pace jixhed li għamel kuntatt mal-parte civile biex tirraporta l-Għassa taż-Żurrieq biex ikun jista' jieħu l-istqarrija tagħha; u dan wara li ġurnata qabel, fis-26 ta' Frar 2020 għall-ħabta tad-2120, is-Surġent Pace kien diġa ġie infurmat mill-Għassa tal-Belt Valletta li l-parte civile kienet marret tagħmel "rapport" fl-Għassa tal-Belt. Fi kwalunkwe każ, il-parte civile kienet marret u preżentatlu l-kwerela kif ukoll kopja tal-ordni tal-protezzjoni kontra l-appellant. Hija saħqet miegħu li ma kienetx tħossha protetta: kemm hi personali u l-anqas il-familja tagħha. Dan ukoll peress li l-appellant kien uża t-theddida li jaqtalha l-brejkijiet tal-karozza tagħha.

59. L-għada li kien kellem lill-parte civile, is-Surġent Pace kellem ukoll lill-appellant. L-appellant ingħata l-jeddijiet tiegħu, inkluż dak li jikkonsulta ma avukat tal-fiduċja tiegħu, dritt li huwa eżerċita. L-appellant ċaħad l-allegazzjonijiet li kienu qed isiru fil-konfront tiegħu. Saħaq li kien ilu ma jara lill-konjuġi Borg sa minn qabel Frar 2019 peress li l-parte civile stess ma kienetx tħallih ikellimhom. L-appellant ċaħad li għamel it-theddida li jaqta' l-brejkijiet tal-karozza tal-parte civile. Huwa qal li lil parte civile ma jobgħodhiex kif ukoll li ż-żewġt ibniet tagħha ma kellhomx x'jaqsmu filwaqt li l-baby kien tiegħu u allura l-parte civile kienet omm ibnu. Hu ma kienx daqshekk miġnun li kien se jaqta l-brejkijiet tal-vann tiegħu stess, li kien xtara hu iżda li kien intestat lill-parte civile. Fil-vann setgħa kien hemm ibnu, li jiġi wkoll iben il-parte civile. Il-parte civile kienet qegħda tagħmel diversi rapporti foloz kontra tiegħu. Hu qal li kien qed jibża li jekk jiġri xi ħaġa lill-parte civile jispiċċa biex jeħel hu.

60. Meta xehed f'dawn il-proċeduri l-appellant in definittiva reġgħa kkonferma li ma kienx involut f'theddid lil parte civile, li kien ilu ma jkun lejn iż-Żurrieq żmien twil, li l-parte civile kienet qed tagħmel rapporti foloz fuqu u jiċħad li kien involut f'xi inċident mal-parte civile fil-parkeġġ tal-Floriana. Huwa kien qed ikun vitma ta' rapporti foloz u kienu għamlulu l-*protection order* biex jinqdew bih. Huwa ried jirranġa l-pendenzi ċivili ta bejnu u l-parte civile bis-sewwa.

61. Josephine Farrugia Mifsud xehdet li hija saret taf bit-theddida li kien għamel l-appellant kontra tagħha fid-19 ta' Frar 2020,

dakinhar stess li l-konjuġi Borg kellhom kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u waqt li kienu qegħdin jistennew barra l-Awla qabel jidħlu għas-seduta. Kien dakinhar li Vincenza Borg ġibditilha l-attenzjoni bl-inċident li kien seħħ fil-jum ta' qabel, iġifieri fit-18 ta' Frar 2020 għall-ħabta tal-1700 – 1730. Il-parte civile tirrakkonta li Vincenza Borg qaltilha li kienet marret tixtri ħobża mingħand Dave's u waqt li kienet sejra lura waqqafha l-appellant u staqsiha jekk kienetx ilha ma taraha kif ukoll staqsiha jekk kienet rat lit-tarbija li kellha l-parte civile ftit żmien qabel. Jidher li dak kien kollox li qalet Vincenza Borg lill-parte civile.

62. Meta l-parte civile staqsietha jekk l-appellant kienx talab xi informazzjoni oħra, qabeż Anthony Borg u qallha li ftit tax-xhur qabel, l-appellant kien waqqaf lilu fl-istess triq u kien staqsih jekk kienx ilu ma jara lill-parte civile. Anthony Borg żied jgħidilha li kien ilu ma jaraha. Għal dan il-kumment Anthony Borg jgħid li semgħa lill-appellant jgħidlu li "Dik nibqa sakemm naqtaghla l-brejkijiet tal-karozza u minn taht idejja ghadha ma helsithiex". Il-parte civile tgħid li dak il-kumment ħassithu ta theddida u li kienet ilha għaddejja minn diversi theddid. Hija riedet li jkun hemm protezzjoni għaliha u għall-familja tagħha.

63. Il-parte civile żżid tgħid li dan ma kienx inċident iżolat. Fit-13 ta' Jannar 2020 għall-ħabta tal-1645 kienet miexja lejn il-parkeġġ ta' ħdejn l-arena tal-indipendenza u waqt li kienet miexja lejn il-vettura tagħha semgħet lil xi ħadd jgħajjat b'għajta kbira l-frażi "hawn ja kurnuta". Hi għarfet li dan kien leħen l-appellant u ratu faċċata tagħha mal-ħadid waqt li kien qiegħed miexi lejn in-naħa tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Il-parte civile daħlet fil-karozza, startjat, niżlet it-tieqa tal-bieba tagħha san-nofs u qabdet triqitha lejn l-Imsida. Fil-punt fejn mill-Mall iddur lejn il-lemin biex taqbad it-triq li tieħdok lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija sabet lill-appellant li reġgħa għal darb'oħra għajjat u did darba qallha "Hawn ja qaħba". Hija ikkalmat, saqet u marret tagħmel kwerela. Issostni li dawn l-inċidenti kienu qed isiru ta' spiss. Tgħid li kien qed jagħmlilha diversi rapporti u kien qed jaħlilha l-ħin u hi ma riedetx tkelmu. Riedet biss li jħalli lilha u lil familtha bi kwiethom. Hija kellha anke tinstalla *cameras* mad-dar biex ma javviċinax iżjed id-dar tagħha.

61. Dan il-każ allura jippreżenta xenarju proċedurali li setgħa, bi ftit iżjed attenzjoni fil-mod kif issir il-prosekuzzjoni kif ukoll x'mistoqsijiet isiru lix-xhieda, ma jsirx daqstant kumplikat. L-

allegata theddida tal-appellant li jaqta l-brejkijiet tal-karozza tal-parte civile ma tirriżultax mix-xiehda ta' Vincenza Borg, iżda tirriżulta mix-xiehda ta' Anthony Borg. Għalkemm fl-NPS hemm iminżżel li Vincenza Borg irrapurtat lil Pulizija li fit-18 ta' Frar 2020 l-appellant kien staqsiha mhux biss dwar jekk ratx it-tarbija tal-parte civile **iżda wkoll li l-parte civile ma kienetx se teħlisha mingħandu**, mill-banda l-oħra meta Vincenza Borg xehdet quddiem il-Qorti kull ma qalet hija li fit-18 ta' Frar 2020 l-appellant kien waqqafha u staqsiha jekk kienetx rat it-tarbija tal-parte civile. Ma żżid tgħid xejn iżjed dwar il-konversazzjoni li kellha mal-appellant f'dak il-jum u ma ttennix il-frażi li kienet irraportat lil Pulizija fis-27 ta' Frar 2020 ċjoe li l-parte civile ma kienetx se teħlisha mingħandu.

62. L-allegata theddida li jaqtalha l-brekijiet allura kienet dik it-theddida li Anthony Borg jgħid li kien semgħa lill-appellant jgħidlu fil-konfront tal-parte civile. Iżda filwaqt li fix-xiehda tiegħu Anthony Borg jgħid li din it-theddida semgħaha mingħand l-appellant fit-18 ta' Frar 2019, mill-banda l-oħra meta kien mar jagħmel ir-rapport mal-Pulizija taż-Żurrieq fis-26 ta' Frar 2020, huwa kien qal li din il-frażi kien qalilu l-appellant xi darba fis-sajf tal-2019 – u mhux fit-18 ta' Frar 2019. Mill-banda l-oħra meta l-parte civile xehdet dwar meta Anthony Borg kien qallha li kienet seħħet din it-theddida din tgħid li Borg kien qallha li kien semgħaha ftit tax-xhur qabel id-19 ta' Frar 2020.

63. Dan allura jfisser li l-parte civile saret taf b'din it-theddida mingħand Anthony Borg fid-19 ta' Frar 2020. F'dan is-sens huwa irrilevanti meta Borg semgħa lill-appellant jgħidha din it-theddida, jekk hux fit-18 ta Frar 2019, fis-sajf tal-2019 jew ftit xhur qabel Frar 2020 in kwantu kif intqal iżjed il-fuq id-data determinanti biex jitqies kunsmat ir-reat tat-theddid huwa meta l-vitma ssir taf bih. Mill-provi ma jirriżultax li l-parte civile kienet saret taf b'dik it-theddida fil-konfront tagħha mill-appellant qabel dik il-ġurnata. Peress li l-parte civile saret taf biha din it-theddida fid-19 ta' Frar 2020 allura ma jistax jingħad li dan l-episodju tar-reat tat-theddid jaqa' fil-parametri taż-żmien imsemmi fl-imputazzjonijiet. Il-Prosekuzzjoni suppost li għamlet id-data tal-imputazzjonijiet li **tinkludi wkoll** id-19 ta' Frar 2020 u l-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel, u mhux kif għamlet f'dan il-każ, rabtet l-imputazzjonijiet mat-"18 ta' Frar u/jew żminijiet ta' qabel". Għalhekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma setgħetx issib lill-appellant ħati tar-reat ta'

theddid li l-parte civile saret taf bih f'data li mhix inkluża fil-parametri ta' żmien imsemmija fiċ-ċitazzjoni.

64. Ġaladarba l-parte civile saret taf b'dan it-theddid fid-19 ta' Frar 2020, dan l-episodju ma jistax jitqies bħala parti mill-*course of conduct* meħtieġ għall-fini tat-tieni u tielet imputazzjoni in kwantu jaqa' barra mill-parametri temporali li bihom l-appellant ġie mixli. B'hekk dan l-episodju ma jistax jingħaqad mal-episodju l-ieħor li xedhet dwaru l-parte civile li seħħ fit-13 ta' Jannar 2020. Minbarra dawn l-episodji speċifiċi, il-kumplament tax-xiehda tal-parte civile dwar inġurji jew theddid ieħor hija mistqarra b'mod ġeneriku u mhux speċifiku.

65. Għalkemm huwa minnu li fil-kwerela tagħha tgħid li kien hemm theddid fuq il-persuna u l-proprjeta tagħha sa mill-15 ta' Frar 2019 kemm b'telefonati, kif ukoll b'messaġġi fuq Facebook u messaġġi biċ-ċellulari mibgħuta mill-appellant lilha, ma jirriżultax li dawn l-allegati episodji ġew sostanzjati bil-provi li jirrenduhom sikuri fi proċeduri kriminali. Dawn l-allegazzjonijiet kellhom jiġu mlaħħma bi provi kontreti u ammissibbli. Qorti ta' Ġustizzja Kriminali ma tistax issawwar ħtija fuq stqarrijiet ta' theddid jew inġurji ġeneriċi mingħajr ma tinġieb prova konkreta ta' xiex ikun jikkonsistu fih dawn it-theddid jew inġurji jew meta ġew imwetqa.

66. Minbarra dan, tibqa' l-problema tal-ġeneriċita intrinseka fil-frażi użata mill-Prosekuzzjoni "fiż-żminijiet ta' qabel". Minkejja li l-ġurisprudenza jidher li ttollerat din il-lokuzzjoni, din il-Qorti jidhrilha li din hija frażi altament ekwivoka u insikura u b'hekk għandha tiġi evitata mill-Prosekuzzjoni. Din hija lokuzzjoni li ma tagħti ebda punt ta' riferenza termporali preċiż. L-anqas tista' titqies fuq skala ta' miżura ta' żmien partikolari, bħal meta wieħed jgħid snin, xhur, ġimgħat jew jiem inkwantu kull waħda minn dawn jifformaw parti mill-kunċett taż-żmien. "Żmien" tinkludihom kollha. Din hija frażi li hija wisq approssimattiva.

67. Mistqarr dan pero, l-artikolu 360(2) tal-Kodiċi Kriminali jeħtieġ li tingħata l-**<u>partikolaritajiet</u>** taż-żmien li fih allegatament ikun seħħ il-każ. B'hekk iż-żmien irid jiġi msemmi b'mod partikolari u jrid ikun marbut ma unita ta' miżura taż-żmien partikolari li tirriżulta mill-kliem imsemmi fl-imputazzjoni innifisha jew almenu deżunt minnha. B'hekk meta bħal ma ġara f'dan il-każ il-Prosekuzzjoni rabtet il-lokuzzjoni "żminijiet ta' qabel" mad-data tat-18 ta' Frar 2020, wieħed, għal massimu jista' jikkonċedi li, f'dan il-kuntest,

żminijiet tfisser jiem jew ftit ġimgħat. B'hekk ġaladarba żminijiet ta' qabel hija marbuta ma data speċifika, din il-Qorti ma tistax tasal tikkonkludi li tali frażi tista' wkoll tinkludi fiha dak li seħħ diversi xhur jew snin qabel. B'hekk anke jekk setgħa kien hemm episodji oħra li seħħew diversi xhur jew snin qabel, u li - kieku l-Prosekuzzjoni inkludiethom speċifikament fl-imputazzjonijiet b'riferenza speċifika għal unita' ta' miżura partikolari ta' żmien bħal xhur jew snin ta' qabel – din il-Qorti setgħet allura tqis li kienu jifformaw parti minn episodji li jiffurmaw *course of conduct* f'dan il-każ mhux possibbli għaliha li tqis li dak li seħħ xhur jew snin qabel setgħa jiġi nkluż fil-parametri ta' żmien imsemmija f'din iċ-ċitazzjoni. U apparti minn hekk, kif intqal qabel, il-parte civile ma kienetx speċifika dwar meta u liema kienu l-episodji ta' theddid jew offiżi li hija tgħid li kienet soġġetta għalihom matul dak il-perjodu.

68. Iżda, minkejja dan, jirriżulta li minbarra dak l-episodju li jirriżulta li l-parte civile saret taf bih fid-19 ta' Frar 2020, dak li din il-Qorti tista' tqis jirriżulta wkoll minn episodju li seħħ ftit ġimgħat qabel, iġifieri fit-13 ta' Jannar 2020. L-appellant jiċħad li qatt kien hemm tali inċident; mill-banda l-oħra il-parte civile tisħaq li dan l-inċident seħħ u li fih l-appellant inġurjaha bil-kliem "hawn ja kurnuta" kif ukoll "hawn ja qaħba". Ma hemmx dubju li dawn huma espressjonijiet inġurjużi u li jinkwadraw ruħhom taħt it-tielet imputazzjoni, anke peress li dan l-inċident seħħ ftit żmien qabel it-18 ta' Frar 2020. B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib lill-appellant ħati tar-raba' imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu b'riferenza għall-inċident tat-13 ta' Jannar 2020.

69. Ġaladarba dik il-Qorti setgħet issib lill-appellant ħati tar-reat tal-inġurja, anke jekk kontravenzjonali, tibqa l-kwistjoni dwar is-sejbien ta' ħtija taħt il-ħames imputazzjoni. Mix-xiehda ta' Benjamina Mifsud, Deputat Reġistratur, a fol 33 sa 35, jirriżulta li hemm ordni ta' protezzjoni maħruġa mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kontra l-appellant David Pace fil-proċeduri fl-ismijiet Il-Pulizija vs. David Pace, u liema proċeduri kienu għadhom pendenti fil-ġurnata ta' meta seħħ ir-reat fit-13 ta' Jannar 2020 in kwantu din l-ordni tal-protezzjoni kienet inħarġet fit-30 ta' Mejju 2019. Il-kopja legali tal-ordni ta' protezzjoni eżebita mid-Deputat Reġistratur taqbel mal-kopja, għalkemm mhux legali, preżentata mill-parte civile flimkien mal-kwerela tagħha u li saħqet li hija l-ordni tal-protezzjoni li kien hemm fis-seħħ kontra tal-appellant. L-istess appellant, konfrontat b'din l-ordni tal-protezzjoni, kemm

meta interrogat mill-Pulizija kif ukoll meta xehed fil-Qorti, jikkonferma li kien hemm ordni ta' protezzjoni kontra tiegħu iżda li l-parte civile kienet qegħda tinqeda b'din l-ordni tal-protezzjoni.

70. Fost il-kundizzjonijiet imsemmija f'din l-ordni tal-protezzjoni hemm il-projbizzjoni tal-appellant milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-parte civile, jew li jaċċedi ġewwa l-fond fejn tirrisjedi l-parte civile jew fejn taħdem jew tiffrekwenta, kif ukoll projbizzjoni milli jikkuntatja jew jimmolestja lil parte civile. Indubbjament, jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) emnet lil parte civile dwar l-inċident li seħħ fil-Floriana fit-13 ta' Jannar 2020, allura dan ikun ifisser li l-appellant ikun kiser l-ordni tal-Qorti meta din rabtitu biex ma javviċinax jew isegwi l-movimenti tal-parte civile jew li jikkuntatja jew jimmolestja lil parte civile. B'hekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) setgħet legalment u raġonevolment issib lill-appellant ħati tal-ħames imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

# Deċide

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell in parti billi:

i. Tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjoni u minnhom għalhekk tilliberah minn kull ħtija, piena u konsegwenza;
ii. Tħassar is-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tar-raba' imputazzjoni b'riferenza għall-allegata theddida li l-parte civile saret taf biha fid-19 ta' Frar 2020;

Filwaqt illi :

iii. Tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tar-raba' imputazzjoni b'riferenza għall-inċident tal-inġurja li seħħ fit-13 ta' Jannar 2020 u l-ħames imputazzjoni;
iv. Tikkonfermaha fejn poġġiet lill-appellant għal ordni fis-sensi tal-artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali meta rabtitu taħt obbligazzjoni personali għal perjodu ta' sena taħt penali ta' ħames mitt euro;
v. Pero filwaqt li tħassar is-sentenza appellata fejn ikkundannat lill-appellant għall-piena ta' tnax il-xahar priġunerija li ġew sospiżi għal perjodu ta' sentejn, stante l-konferma tas-sejbien ta' ħtija fir-rigward tar-raba' u l-ħames imputazzjonijiet kif hawn fuq

imsemmi, u wara li rat l-artikolu 17(d) tal-Kodiċi Kriminali, tikkundanna lill-appellant għall-piena ta' **sitt xhur priġunerija** li fis-sensi tal-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ma għandhomx jidħlu fis-seħħ ħlief **jekk matul il-perjodu ta' sena millum** il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija u wara dan qorti kompetenti tordna bis-saħħa tal-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali li s-sentenza oriġinali għandha tibda sseħħ. Fis-sensi tal-artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, dil-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

vi. Altrimenti safejn mhux mibdul b'din is-sentenza, tikkonferma s-sentenza fil-bqija tagħha.

**Aaron M. Bugeja**
**Imħallef**